13 ta' Ġunju, 1955

*Imħallfin :*

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Hans Eder** *versus* **George Spiteri**

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Appell — "New House" — Art. 25 tal-Kap. 109**

*Sentenza tal-Board tal-Kera hija appellabili biss fuq punt ta' dritt li jkun ġie maqtugħ bl-istess deċiżjoni. Sempliċi riferenza għall-liġi mhix suffiċjenti biex tirrendi s-sentenza appellabili.*

*Għaldaqstant sentenza tal-Board tal-Kera, li tistabbilixxi l-kera xieraq ta' fond f'ċertu ammont, mhix appellabili billi jiġi allegat li l-fond għandu jiġi kunsidrat bħala "new house" u li l-kera relativ għandu jiġi fissat bil-kriterji relativ għal "new house".*

Il-Qorti — Rat ir-rikors quddiem il-Board tal-Kera biex jiġi stabbilit il-kera xieraq tal-Flat 2, 42 Stella Maris Street, Sliema;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dak il-Board fis-27 ta' April 1955, li biha ġie stabbilit il-kera għal £40 fis-sena mill-ewwel skadenza wara xahar minn notifika ......; wara li kkunsidra;

Illi mir-rapport tal-membri tekniċi tal-Board, anness mad-deċiżjoni, jirriżulta li l-kera xieraq huwa ta' £40;

Rat ir-rikors tal-intimat George Spiteri quddiem din il-Qorti, fejn talab li l-imsemmija deċiżjoni tiġi revokata, billi

jiġi minflok deċiż illi l-imsemmi appartament għandu jiġi kunsidrat bħala "new house", u l-kera jiġi fissat bil-kriterju relativ għal "new house";

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tal-inappellabilità;

Illi jingħata appell mid-deċiżjonijiet tal-Board biss fuq punt ta' dritt li jkun ġie maqtugħ bl-istess deċiżjoni (art. 25 tal-Kap. 109). Fil-każ in eżami ma jidherx li ġie deċiż ebda punt ta' dritt, u sempliċi riferenza għall-liġi ma hix suffiċjenti biex tirrendi s-sentenza appellabili;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-inappellabilità, u konsegwentement tiddikjara irritu u null l-appell; bl-ispejjeż kontra l-appellant George Spiteri.